MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 243/2011

Rikors Guramentat Nru. 243 / 11RGM

Kawza fil-lista: 29

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju tal-elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997), u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu l-minuri Elton fl-erbatax (14) ta' Frar elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u Deane fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) u dan kif jidher mic-certifikati tat-twelid.

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dan tort unikament ta' l-istess intimat, tant illi anke abbanduna lir-rikorrenti u t-tfal minuri taghhom;

Illi l-intimat rrenda ruhu hatja lejn l-attur ta' sevizzi, abbandun, ingurji gravi u vjolenza psikologika u fizika minhabba dan l-abbandun totali tal-familja taghha, kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza,

Illi kull tentattiv ta' rikonciljazzjoni u medjazzjoni falla, stante illi l-intimat lanqas qatt deher ghal medjazzjoni minkejja l-fatt li kien debitament infurmat, u l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti bin-numru 1044/1;

Illi minn kemm ilu illi abbanduna d-dar matrimonjali, l-intimat qatt ma hallas manteniment la ghar-rikorrenti u lanqas ghal uliedhom minuri.

Illi inoltre, l-intimat qatt ma zamm mal-granet ta' access ma uliedu hekk kif pattwiti bejn il-partijiet u cioe siegha kull nhar ta' Tlieta u Hamis u kull nhar ta' sibt jew Hadd mid-disgha ta' filghodu sa nofsinhar, u filfatt wera' nuqqas ta' interess kbir f’uliedu.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha;

Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet esklussivament attribwibbli lill-intimat u senjatament sevizzi, abbandun u ingurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti, u in subordine ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

Tawtorizza lir-rikorrenti tghix separata mill-intimat zewgha.

Tapplika kontra l-intimat l-effetti u l-penalitajiet kollha stabbiliti fl-Artiklu 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Takkorda lir-rikorrenti l-kura u kustodja unika tal-minuri Elton u Deane, b'dan illi l-intimat ikollhu dritt ta' access ma' uliedu fi granet u hinijiet fissi.

Tillikwida u tiddikjara xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi ta' l-istess komunjoni ta' 1-akkwisti lill-kontendenti f'dawk il-proporzjon u b'dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti, okkorendo bil-hatra ta' periti nominandi;

Tawtorizza lir-rikorrenti jirregistra ossia jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjomha ta' xebba u cioe' Vassallo.

L-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti tal-attrici.

Rat illi l-konvenut, ghalkemm debitament notifikat bl-atti baqa’ ma pprezentax risposta guramentata.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

Mill-provi mresqa jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Lulju 1997 u ghandhom zewgt itfal, li llum ghandhom erbatax u sittax-il sena rispettivament.

Wara li kienu zzewgu il-partijiet marru jabitaw ma' omm l-attrici u hekk baqghu sakemm inqala' l-inkwiet matrimonjali bejniethom u l-konvenut abbanduna lill-martu u lil uliedu.

L-attrici spjegat fix-xhieda taghha[1] illi f'xi zmien wara li kellha t-tieni tarbija kien diga beda l-inkwiet bejniethom principalment peress li l-konvenut beda johrog ta' sikwit wahdu u jhalli lill-attrici d-dar mat-tfal. Kien hemm ukoll okkazzjonijiet fejn refa' jdejh fuqha.

Il-hrug tal-konvenut wahdu beda aktar ma jmur aktar ikun ta' spiss sakemm fl-ahhar beda jdum anke granet 'il boghod mid-dar. Meta skopriet li kellu relazzjoni adultera hija keccietu 'l barra mid-dar.

Ghal bidu il-konvenut beda jara lit-tfal regolarment izda bil-mod il-mod beda jnaqqas sakemm spicca li qata' l-kuntatt maghhom ukoll.

Peress li l-konvenut ma attendiex ghas-seduti ta' medjazzjoni ma kienx hemm possibilta' li l-partijiet jaslu ghal separazzjoni bonarja u ghalhekk l-attrici kienet kostretta tistitwixxi din il-kawza.

[1] Fol. 42

Grace Vassallo, omm l-attrici, xhedet illi meta l-partijiet izzewgu kienu marru joqghodu ghandha. Ikkonfermat il-komportament tal-konvenut specjalment f'dak li jirrigwarda hrug wahdu u agir vjolenti fil-konfront tal-attrici.

Ikkonfermat ukoll illi l-konvenut kien ihalli lill-attrici u lil uliedha nieqsa mill-flus ghall-hajja.

Tghid li l-konvenut ghamel xi tlett snin daqqa jghix id-dar u daqqa jitlaq sakemm fl-ahhar telaq ma giex aktar lura.

**Konsiderazzjonijiet**.

**Gurisprudenza**.

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:

"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb minnha".[2]

Fl-istess sentenza kompla jinghad hekk:-

"Id-dizokkupazzjoni mhix motiv biex tehles lir-ragel mill-obbligu ta' l-alimenti lejn martu, specjalment, imbaghad, meta dik id-dizokkupazzjoni tkun kolpuza.

Hu veru li l-ligi civili ma tisforza lil hadd mill-mizzewgin biex imur jahdem bilfors pero` hu daqstant veru li l-ligi civili timponi fuq l-konjugi l-obbligu li jipprovdu manteniment reciproku lil xulxin u manteniment ghall-ulied. F'adempiment ta' dan l-obbligu l-konjugi huma mistennija mil-ligi illi jipprovdu l-mezzi, bhala regola mix-xoghol taghhom, biex ma jhallux lil min jiddependi minnhom ghall-manteniment, nieqes mill-bzonnijiet essenzjali ta' kuljum. Sa kemm wiehed jista' liberament jikkonsidra li tali obbligu kien ifisser illi min kien obbligat kellu bilfors jipprovdi l-mezzi u konsegwentement kellu bilfors jahdem la ma kellux fondi ohra mnejn jaghmel tajjeb ghal tali obbligu.

[2] **Joanne Tabone pro et noe vs. Jesmond Tabone – PA - 03.10.2003**

Minn naha l-ohra l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi wiehed mill-mizzewgin ikun qieghed jircievi l-minimu ta' l-assistenza socjali u allura ma kellux mezzi sufficcjenti la biex jghix hu nnifsu u lanqas biex imantni lil haddiehor. Naturalment pero` l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt ta' l-obbligu vestit mil-ligi biex huwa jivversa persentagg minn dak li jippercepixxi. Persentagg li jigi stabbilit in omagg tal-principju li l-parti li tkun hatja fiz-zwieg kellha tipprovdi ghall-manteniment tal-parti l-ohra."

Gie wkoll deciz [3] illi:-

"L-obbligi ta' manteniment tal-konjugi huma regolati bl-**artikolu 3 tal-Kap 16** li jipprovdi li :-

Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."

Skond l-**artikolu 3B tal-Kap 16** hemm stipulat illi: "Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali w aspirazzjonijiet tal-ulied."

Skond l-**artikolu 7 (1) tal-istess Kap 16** jinghad li "Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."

Fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell[4] illi "Din il- Qorti filwaqt li tqis li kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabilta` fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommettih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' imbaghad ikun fattur determinanti biex ir-responsabbilta' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."[5]

Ikkunsidrat;

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

---

[3] PA - **Jennifer Portelli pro et noe vs. John Portelli** – 25.06.2003
[4] App. - **Doris Mizzi vs Mario Mizzi** – 19.05.2000
[5] 19.05.2000

Mill-provi mhux kontradetti jirrizulta illi t-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien rizultat tal-agir vjolenti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici kif ukoll kagun tal-fatt li l-konvenut abbanduna lil martu u liz-zewg uliedu u hallihom minghajr l-ebda sussistenza.

L-attrici kienet kostretta tipprocedi b'kawza peress li l-konvenut ma riedx jiddiskuti t-termini ta' separazzjoni bonarja tant li, ghalkemm avzat, naqas milli jattendi ghas-seduti ta' medjazzjoni.

Il-Qorti qed issib lill-konvenut hati sew ta' vjolenza fil-konfront tal-attrci, sew ta' abbandun fil-konfront tal-attrici u taz-zewg minuri.

M'hemmx htiega li tiddilunga aktar fir-rigward ta' min kien jahti ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

**Kura u Kustodja tal-Minuri**.

Iz-zewg minuri baqghu jghixu mal-omm minn kemm ilhom il-partijiet separati *de facto*. Jirrizulta inoltre li l-missier qata' kull kuntant ma' uliedu. Ghalhekk huwa indikat illi l-kura u kustodja taz-zewg minuri ghandha tkun affidata esklussivament f'idejn l-attrici.

**Manteniment ghall-Minuri**.

Ghalkemm l-attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni ghalfejn la talbet manteniment ghaliha u lanqas ghaz-zewg minuri, l-Qorti ser tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghaz-zewg minuri stante li d-dritt tal-minuri ghall-manteniment ma jistax jigi newtralizzat jew rinunzjat minn parti jew ohra minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

Mix-xhieda tal-attrici jirrizulta li l-partijiet ma ghandhom l-ebda proprjeta' komuni, la immobbli u lanqas mobbli peress li fiz-zwieg kienu jghixu ma' omm l-attrici u kienu jinqdew bl-oggetti gia' ezistenti fid-dar imsemmija.

Ghalkemm fid-dikjarazzjoni guramentata taghha[6] l-attrici iddikjarat illi l-konvenut kellu vettura u li kienet ser taghti d-dettalji taghha aktar 'il quddiem, dawn id-dettalji baqghu ma gewxipprezentati mill-attrici u ghalhekk l-attrici naqset milli tressaq prova ta' din l-allegazzjoni. Fl-istess dikjarazzjoni sssemmi illi kien inhareg cheque mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li kien gie inkassat mill-konvenut u m'ghaddieliex l-import tieghu. Anke f'dan ir-rigward l-attrici naqset milli tressaq provi.

Ghaldaqstant ma hemmx assi x'jigu divizi mat-terminazzjoni tal-komunjoni.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba u tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet tort esklussivament tal-konvenut minhabba abbandun u vjolenza da parti tal-konvenut.

2. Tilqa' t-tielet talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tal-artikoli 48 sa 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tilqa' r-raba' talba u tafda l-kura u kustodja, ossia s-setghat ta' genitur, esklussivament f'idejn l-attrici u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewg minuri s-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar ghal kull wild b'effett mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat.

4., Tilqa' l-hames talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

5. Tillikwida l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi tordna li l-effetti mobbli fil-pussess tal-attrici ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom lill-attrici filwaqt li l-assi mobbli fil-pussess tal-konvenut ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom lill-konvenut.

6. Tilqa' s-seba' talba.

[6] Fol. 18

7. Tilqa' s-sitt talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjomha ta' xebba u cioe' 'Vassallo'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------